MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 2490/1997/1

**Vincenza Putignano**

**Vs**

**Armando Putignano,**
**u Dr. Paul J. Farrugia u PL Sharon Mizzi li b' digriet tas-17 ta' Marzu 1999 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Armando Putignano**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-30 ta' Ottubru 1997 li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-partijiet kienu ccelebraw iz-zwieg taghhom fit-12 ta' Settembru 1992;

U premess illi dan iz-zwieg kien nieqes mill-elementi essenzjali tieghu u kien vizzjat b' tali mod li dak iz-zwieg kien null u inezistenti;

U premess illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg kien vizzjat billi inghata bl-eskluzzjoni pozittiva ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U premess illi l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg;

U premess illi l-konvenut ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporanja setghat intelletwali jew derita bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kunsens taghhom ghaz-zwieg kien vizzjat kif fuq inghad;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li ghalhekk iz-zwieg kien null u inezistenti;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tal-11 ta' Marzu 1999 li permezz tieghu giet nominata bhala espert gudizzjarju Dr. Yana Micallef Stafrace biex tigbor il-provi u tirrelata;

Rat id-digriet tas-17 ta' Marzu 1999 li permezz tieghu gew nominati bhala kuraturi deputati Dr. Paul J. Farrugia u PL

Sharon Mizzi biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenut Armando Putignano;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-espert gudizzjarju Dr. Yana Micallef Stafrace li tinsab a fol. 183 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fis-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2000;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Paul Farrugia u PL Sharon Mizzi pprezentata fl-14 ta’ Gunju 2004 li permezz taghha huma eccepew illi ma kellhomx l-opportunita` jikkomunikaw ma’ Armando Putignano u ghalhekk irrizervaw li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota pprezentata mill-kuraturi deputati fil-21 ta’ Jannar 2005 li permezz taghha infurmaw lill-Qorti illi ma rnexxilhomx jidhlu f’ kuntatt ma’ Armando Putignano nonostante li ppruvaw inutilment jottjenu l-indirizz ta’ l-assenti Armando Putignano;

Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Jikkompeti lill-konjugi l-impunjattiva taz-zwieg ghal xi wahda jew aktar mir-ragunijiet tabellati fl-Artikolu 19 ta’ l-Att dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255). Fil-kaz taht konsiderazzjoni l-attrici tippremetti ghat-talba taghha tan-

nullita` taz-zwieg, it-tliet motivi prevvisti fis-subparagrafi (d), (f) u (h) tas-subinciz (1) tal-precitat artikolu, u cjoe:

(I) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg; [subparagrafu (d)];

(II) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg" [subparagrafu (f)];

(III) "jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b' mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg" [subparagrafu (h)];

Il-fatti principali li jirrizultaw mill-atti akkwiziti huma dawn:-

(1) L-attrici saret taf lill-konvenut fl-1987 meta dan kien ingaggat fuq vapur merkantili li nzerta kien Malta f' dak iz-zmien. Hi saret taf minn wiehed minn shabu li hu kien diga` mizzewweg u kellu iben, ghalkemm kien ukoll issepara minn ma' martu. Bieghet bicca art li kellha fid-29 ta' April 1988 (kopja kuntratt esebita a fol. 113) u telghet l-Italja biex tara jekk tidrax hemmhekk. Irritornat lura Malta wara xi xhur u fit-8 ta' Marzu 1991 xtrat dar (kopja kuntratt a fol. 133). Fil-frattemp il-konvenut kien qed jithabat biex jottjeni d-divorzju pronunzjat fil-kontumacja tieghu mit-Tribunal Civili ta' Trapani fl-10 ta' Marzu 1992 (kopja a fol. 124). Fil-perijodu li dam l-Italja l-konvenut gie arrestat mill-anqas f' zewg okkazzjonijiet separati. F' Marzu 1992 l-attrici harget tqila bl-ewwel wild u fit-12 ta' Settembru 1992 hi u l-konvenut ghaddew ghaz-zwieg bir-rit civili;

(2) L-attrici tirrakkonta wkoll illi qabel iz-zwieg saret taf li l-konvenut kellu l-vizzju tad-drogi. Vizzju, li skond ma tafferma l-attrici, baqa' bih anke wara li zzewgu, nonostante interventi mill-ghaqda "Is-Sedqa";

(3) Hi tghid ukoll li kienet kostretta tibqa' tahdem anke wara z-zwieg ghax zewgha qatt ma kien iqaddet fl-impjieg li kellu u kien sahansitra jigi licenzjat. Kien vittma tax-xorb u jsir aggressiv tant li anke kien involut fi proceduri penali f' Malta meta kisser il-hgiega tal-vettura tal-manager fejn kien jahdem. Kien anke hebb ghalija u jghajjat mat-tfal;

(4) Jinghad ukoll illi fl-1996 il-konvenut telaq mid-dar u beda jghix ma' mara ta' nazzjonalita` Taljana li skond x-xhud Augustina Abdilla, oht l-attrici, minnha l-konvenut kellu tlett itfal. Ghal darba ohra l-konvenut kien karcerat fil-habs ta' Trapani;

(5) Mod jew iehor din il-versjoni tal-fatti, kif rakkontata mill-attrici, hi sostenuta mix-xhieda taz-zewg hutha Augustina Abdilla (fol. 32) u Pauline Bonnici (fol. 43) u dik ta' ommha Klara Dalli (fol. 38);

Premessi dawn il-fatti jibda biex jigi puntwalizzat in linea preliminari illi bhal fil-kaz ta' kull kuntratt iehor l-kawtela tezigi illi "*nella causa d' impugnazione di un contratto per vizio di consenso si procede colla massima circospezione perche non si abbia ad annullare un atto che dovrebbe rimanere in vigore*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 203**). Din l-enuncjazzjoni qed tigi enfasizzata in kwantu t-talba attrici hi essenzjalment marbuta mad-difett tal-kunsens fi tliet ipotesijiet minnha premessi bhala kawzali ghall-annullament taz- zwieg;

Wiehed jibda biex iponi b' kwezit liema hu l-kriterju generali biex tigi valutata l-essenza tad-difett serju tal-gudizzju. Indubitament, din l-essenzjalita` trid tkun kommizurata kemm mal-funzjoni stess taz-zwieg, kif ukoll mal-qaghda, koxjenti jew inkoxjenti, tal-koppja b' mod li

kienet tincidi kemm fuq il-kontrattazzjoni taz-zwieg kif ukoll fuq l-izvolgiment tal-hajja konjugali flimkien. L-apprezzament allura jrid jigi konsiderat mhux biss mill-ottika ta' l-incidenza oggettiva fuq il-hajja konjugali, izda anke f' rapport mal-kondizzjonijiet soggettivi tal-konjugi l-iehor. Dan fis-sens li jittiehed qies ukoll tal-konvinzjonijiet morali, socjali u dawk il-karatteristici personali l-ohra ta' min jimpunja z-zwieg u li allura ghandhom jigu apprezzati b' riferiment ghall-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;

L-attrici allura htiegilha tipprova mhux biss l-ezistenza tal-kwalitajiet negattivi tal-konjugi l-iehor imma wkoll il-konvinzjonijiet morali u socjali taghha proprja u l-koncezzjoni taghha tal-hajja familjari flimkien. Dan ghal fini ta' l-ezami tal-kunsens. Naturalment il-materja titratta minn gudizzju probabilistiku bazat anke fuq prezunzjonijiet;

Mill-kwadru tal-fatti maghrufa huwa aktar minn car illi l-attrici ghamlet valutazzjoni zbaljata f' termini oggettivi meta kienet konsapevoli minn certi cirkostanzi rigwardanti l-konvenut. Weriet immaturita` u ingenwita` kbira meta allavolja kienet taf li l-konvenut kellu l-vizzju tad-droga, xorta wahda ghaddset rasha u ghaddiet ghaz-zwieg, forsi anke kontra l-parir tal-familjari taghha. Il-kontinwita` ta' dan l-istess vizzju, kombacjat ma' fatturi ohra, kellhom influwenza negattiva, imbaghad, fuq l-izvolgiment ta' hajja mizzewga normali. Forsi ttamat izzejjed li l-konvenut seta' jinbidel u ghalhekk fir-realta` ma kienetx intebhet li c-cirkostanzi ezistenti u minnha maghrufa, oggettivament konsiderati, kienu ser jissarrfu f' impediment serju ghat-twettiq normali tal-hajja mizzewga. Jista' forsi jinghad favur l-attrici illi din iddecidiet li tghaddi ghaz-zwieg, anke jekk impreparata, minhabba l-istat ta' gravidanza taghha u li allura giet indotta minn dan il-fatt biex bintha ma titwieledx barra miz-zwieg. Di fatti, minn dak li jinghad, din bintha twieldet xahrejn fuq iz-zwieg;

Minn naha l-ohra d-deskrizzjoni li temani tal-personalita` tal-konvenut hi dik ta' irresponsabilita`, moghti ghad-delinkwenza abitwali, ivvizzjat fid-drogi u fix-xorb, u ta' inkapacita` assoluta li jassuma b' serjeta` l-obbligi u d-dmirijiet konjugali tieghu.  Effettivament ma damx ma ghadda biex wara li abbanduna lill-attrici, ingarba ruhu f' relazzjoni aperta ma' mara ohra;

Konfrontata minn din il-qaghda tal-personalita` taz-zewg konjugi, hi l-fehma tal-Qorti, illi, kif drabi ohra deciz minnha, "fiz-zwieg bejn il-kontendenti kien hemm assenza tal-fakoltajiet ta' kritika estimativa u valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, kif ukoll assenza ta' maturita` affettiva relattiv ghall-imsemmi oggett.  Ma' dan hemm abbinat dik l-inkapacita` psikika, partikolarment fil-konvenut, illi jaghraf u jirrifletti adegwatament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.  Il-partijiet dahlu impreparati ghal dan iz-zwieg minghajr dik il-maturita` ekwilibrata u l-gudizzju ghaqli dwar l-importanza tad-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga flimkien." - "**Brigitte Veneziano Broccia -vs- Avv. Dr. Joseph Mario Sammut *et nomine***", 4 ta' Dicembru 2002;

Minn dan jitnissel illi d-decizjoni taghhom li jikkontrattaw iz-zwieg kienet wahda ghal kollox zbaljata.  Mill-assjem tal-provi jezistu sintomi bastanti ghall-konvinciment illi l-kontendenti ma kienux preparati ghaz-zwieg.  Dan fis-sens ta' dak appena accennat.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u b' hekk tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fit-12 ta' Settembru 1992 bhala null u bla effett u dan essenzjalment ghall-motivi dedotti fl-Artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg.  Konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg;

Tenut rigward tac-cirkostanzi l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------